# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Ġunju, 2023.**

**Numru 4**

**Rikors numru 1030/2013/1 GM**

**Trevor Grech**

**v.**

**Lawrence Agius**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut Lawrence Agius minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Ottubru, 2018, fejn din sabitu responsabbli għal inċident tat-traffiku bejn żewġ vetturi, li seħħ f'Raħal Ġdid fl-2012 u kkundannatu sabiex iħallas lill-attur Trevor Grech, kumpens fl-ammont globali ta' €665,713.40 biex jagħmlu tajjeb għat-telf ta' qligħ li ġarrab u għall-ispejjeż futuri li għad irid

jonfoq minħabba dan l-inċident.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-28 ta' Ottubru, 2013, l-attur appellat fisser li fis-16 ta' Frar, 2012 huwa safa' vittma ta' inċident tat-traffiku li seħħ f'Raħal Ġdid, meta trakk (IHQ-050) misjuq mill-konvenut Lawrence Agius baqa' dieħel ġol-vettura tiegħu (ORI-024), waqt li kien wieqaf jistenna illi jinqalbu d-dwal tat-traffiku.

3. L-attur appellat saħaq li minħabba dan l-inċident huwa ġarrab, kemm ħsarat fil-vettura tiegħu, kif ukoll ġrieħi gravi f'rasu u fil-vista tiegħu. Żied jgħid li l-vista tiegħu marret għall-agħar u anke minħabba l-uġigħ u t-tbatija fiżika u emozzjonali li kien għaddej minnhom, huwa spiċċa bla xogħol.

4. Għad li l-attur tħallas mill-kumpanija ta' assikurazzjoni tal-konvenut għall-ħsara kollha li ġarrab fil-vettura tiegħu u tħallas ukoll kumpens ta' €15,000 «*biex tkopri spejjeż mediċi immedjati u akkont tad-danni kollha subiti*», huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat kien unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ ġewwa Paola fis-16 ta' Frar, 2012 bejn il-vettura (trakk) IHQ 050 misjuqa mill-intimat u l-karozza numru ORI-024 misjuqa mill-esponent;*

*2. Tiddikjara li kaġun tal-inċident de quo l-esponent sofra diżabbiltà permanenti;*

*3. Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli għad-danni subiti mill-esponent;*

*4. Tillikwida d-danni kollha subiti mir-rikorrent b'riżultat tal-istess inċident, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi skont il-każ;*

*5. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-esponent id-danni hekk likwidati mill-Onorabbli Qorti fi żmien qasir u perentorju.*

*Bl-imgħax u spejjeż legali, inkluż kontra l-intimat li hu minn issa inġunt għas-subizzjoni."*

5. Il-konvenut Lawrence Agius ressaq risposta maħlufa fit-3 ta' Diċembru, 2013 u fiha qal hekk:

*"i. Illi r-responsabbiltà għall-inċident mertu tal-kawża odjerna mhijiex qiegħda tiġi kkontestata mill-intimat;*

*ii. Illi in vista dan, u kif ukoll iddikjarat mir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat tiegħu, is-soċjetà assiguratriċi Middlesea Insurance plc, li kienet tkopri l-użu tal-vettura IHQ 090 misjuqa mill-intimat, diġà ħallset lir-rikorrenti għad-danni kkaġunati lill-vettura tiegħu b'konsegwenza tal-inċident u kif ukoll ħallset lir-rikorrenti s-somma ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) bħala ħlas akkont tad-danni subiti mir-rikorrenti u dan sabiex tkopri l-ispejjeż immedjati tar-rikorrenti;*

*3. Illi minkejja trattattivi bejn il-partijiet ma ntlaħaqx qbil dwar il-quantum tad-danni li qed jiġi pretiż mir-rikorrenti stante illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti kienu esaġerati;*

*4. Illi għaldaqstant, ir-rikorrenti għandu jagħmel il-prova tad-danni realment subiti minnu.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

6. B'sentenza mogħtija fis-17 ta' Ottubru, 2018, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-attur, billi fl-ewwel lok sabet li l-konvenut kien jaħti għall-ħabta u li minħabba din il-ħabta l-attur spiċċa biex ġarrab ġrieħi li ma jfiqux, u fit-tieni lok ordnat lill-konvenut biex iħallas lill-attur is-somma ta'

€665,713.40 bħala kumpens għad-danni mġarrba, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza u bl-ispejjeż ġudizzjarji.

7. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha biex iddeċidiet hekk kienu dawn:

"***Ness ta' kawżalità***

*Illi kif inhu ben magħruf, mhux biżżejjed li l-attur jipprova li l-konvenut ikun responsabbli għall-inċident; irid jipprova ness ta' kawżalità bejn is-sinistru u l-ħsara li jbati l-attur;*

*Illi bir-raba' eċċezzjoni l-konvenut jidher qiegħed jitlob prova ta' dan in-ness ta' kawżalità, anke jekk fit-tielet eċċezzjoni jistqarr li fi trattattivi bejn il-partijiet ma ntlaħaqx qbil fuq il-kwantum, u tħallsu mhux biss il-ħsarat fil-vettura, imma wkoll parti mill-ispejjeż mediċi. Issa huwa minnu li r-responsabilità għal fatt illeċitu ma ġġibx magħha bilfors passibilità għad-danni: "ovvjament azzjoni bħal din tirrientra f'dik l-iskema tar-responsabilità akwiljana u tipresupponi li d-danni ġew kaġjonati* ***bħala konsegwenza immedjata tal-imġiba tal-awtur tad-danni****. Jikkonsegwi li għas-suċċess tal-azzjoni intentata irid jirriżulta l-leżjoni tad-dritt tat-terz u li dan hu f'rapport kawżali dirett mal-att jew fatt (ara* ***Korporazzjoni Enemalta -vs- Vella Group Limited et****, Appell Inferjuri, 08.06.2006). "Dan permezz ta' prova li, f'każijiet ta' din ix-xorta, trid tirriżulta biex,* ***b'mod adegwat u konvinċenti, tikkreja n-ness ta' kawżalità ta' fatt bejn il-kondotta tal-agent u l-event dannuż****. Hu wara kollox il-kardini tar-responsabilità extra kuntrattwali, jew akwiljana, illi għad-danni kawżati lit-terzi huwa l-awtur tal-leżjoni li għandu jwieġeb għar-riżarċiment ta' dawn l-istess danni li mill-att jew fatt jidderivaw". Ara* ***Korporazzjoni Enemalta -vs- Joseph Vassallo et****, Appell Inferjuri, 17.10.2008. Min-naħa l-oħra, in-negozjar dwar il-quantum jippresupponi ammissjoni tan-ness kawżali salv riżerva dwar l-entità ekonomika tal-istess danni; għalkemm imbagħad fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut jipprova jpoġġi fid-dubbju anke n-ness kawżali nnifsu. Ħaġa li mhix postha f'nota ta' sottomissjonijiet, imma fir-rikors ġuramentat. Fi kwalunkwe każ, il-provi mressqa mill-attur ma jħallu l-ebda dubbju li hemm ness dirett bejn l-inċident u l-menomazzjoni gravi fil-persuna tiegħu kemm dawk relatati mal-vista kif ukoll dawk relatati mad-dipressjoni u l-obeżità.*

***Provi***

*Illi dan huwa każ dwar inċident tat-traffiku li seħħ fis-16 ta' Frar 2012 fir-Raħal Ġdid bejn il-vettura misjuqa mill-attur u trakk misjuq mill-konvenut. Dakinhar l-attur waqaf fuq traffic lights peress li kienu oranġju u l-konvenut baqa' dieħel b'qawwa kbira fil-vettura tal-attur*

*għax ħaseb illi se jibqa' miexi;*

*Illi l-attur isostni li minħabba ma baqax kapaċi jaħdem, b'uġigħ, u b'nuqqas ta' vista li ħallewh magħluq id-dar peress li waqa' f'dipressjoni. L-inċident laqat mhux biss lil Trevor iżda wkoll lil familja tiegħu, peress illi l-attur ma jistax jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u jiddependi għal kollox fuq ħaddieħor kemm fiżikament u kemm finanzjarjament. Fil-fatt missieru, għalkemm laħaq l-età tal-irtirar, kellu jibqa' fl-impjieg tiegħu sabiex ikun jista' jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' ibnu. L-attur isostni li għall-bqija ta' ħajtu, sejjer ikollu jiddependi fuq ħaddieħor;*

*Illi mix-xhieda mressqa mill-attur jirriżulta illi qabel l-inċident l-attur qatt ma kellu xi problemi rigward vista, anzi kellu ħajja attiva fejn kien jipprattika l-isports, żfin u jattendi gym. Ħu l-attur, Kevin Victor Grech, xehed kif ħajjet l-attur inbidlet kompletament u prattikament ma jista' jagħmel xejn minn dak li kien iħobb. Sar joqgħod ġewwa għax ix-xemx tweġġagħlu għajnejh u spiċċa bla xogħol u konsegwentement sar dipendenti fuq il-familja tiegħu. L-attur sofra ukoll emozzjonalment ladarba t-tobba qalulu illi l-problema tal-vista hija waħda permanenti. Dan ġie kkorroborat mix-xhieda ta' missier l-attur permezz ta' affidavit (fol. 58) u minn żewġt iħbieb tal-attur li stqarrew illi qabel l-inċident ma kellu l-ebda problemi fiżiċi ħlief problema ta' thyroid illi kienet ikkontrollata. Dejjem kellu attitudni pożittiva u karattru sod. Wara l-inċident l-attur ikun muġugħ ħafna speċjalment jekk jinvolvi ruħu f'xi attività fiżika peress illi l-punt fejn ħabat rasu, jibda jintefaħ, jistordi u jħossu ħażin. Sar sensittiv ħafna għad-dawl u jkollu jilbes nuċċali skur anke ġewwa. Sar ibati ħafna biex jaqra jew biex jaħdem fuq il-kompjuter jew jara televiżjoni. Saħansitra jbati biex jikteb sms fuq il-mobile. Sar għandu bżonn l-għajnuna sabiex jagħmel attivitajiet kwotidjani bħal jitla' u jinżel it-taraġ u ma jistax iġorr affarijiet ta' ċertu toqol. Apparti minn hekk tilef ix-xogħol tiegħu u diffiċli jsib xoghol relatat mal-informatika bil-limitazzjonijiet illi għandu;*

*Illi missier l-attur spjega kif it-tifel jgħix miegħu u li wara l-inċident safa dipendenti għal kollox fuq il-familja tiegħu. Żied jgħid illi mill-aspett mentali huwa inkwetanti għax huwa frustrat u tilef kollox. L-ispejjeż huma kbar anke sempliċiment ħwejjeġ għaliex kull ma jmur dejjem qed ikompli jikber u jżid fil-piż. Iffrustrat ukoll bl-uġigh li ma qata' qatt. Psikologikament mar għal agħar u huwa depress;*

*Illi mix-xhieda tal-attur innifsu jirriżulta illi kien jaħdem bħala information architect fi ħdan il-Malta Information Technology Authority (MITA), kien jikkrea s-servizzi tal-Gvern fil-Ministeri. Jidher illi l-attur kien sejjer tajjeb f'xogħlu tant illi fit-2010 ingħata bonus għall-ħiliet 'outstanding' tiegħu (fol. 13): "Jien kont qiegħed fit-tieni level, kont ħa nitla' fit-tielet level għal Management u upper layer. Kont qiegħed in between biex nitla' mis-second layer għat-third layer." Kien ħa żewġ promozzjonijiet, kif jirriżulta minn dokumentazzjoni tagħhom esebita fl-atti tal-kawża;*

*Illi wara l-inċident tilef xogħlu għax ma jistax juża l-kompjuter*

*minħabba l-uġiegħ li jħoss wara għajnejh u minħabba nuqqas ta' ffukar. Ikollu jistrieħ għal sigħat twal wara jekk jipprova jagħmel użu minn xi apparat teknoloġiku. Illum il-ġurnata jaħdem biss għaxar sigħat fil-ġimgħa mal-Foundation for Information Technology Accessibility (FITA) - fondazzjoni li tieħu ħsieb l-IT fl-aċċessibilità biex jgħinhom isibu soluzzjonijiet għal nies bħalu li għandhom problemi bil-vista;*

*Illi l-attur xehed illi qabel l-inċident kien attiv, kien jiżfen u jagħmel sports, Tai Chi, u kien jittrenja mal-Life Cycling. Wara l-aċċident l-attur tella' piż żejjed peress li meta jagħmel kwalunkwe tip ta' eżerċizzju jibda uġiegħ f'għonqu u jintefaħ, jistordi u jaqa' mal-art. Din iż-żieda fil-piż qed jaffettwalu dahru u ikollu jmur il-pain clinic sabiex jieħu injezzjonijiet. Minħabba l-piż qed jitrabbilu l-ilma f'saqajh. Ma joħroġx mid-dar għax anke x-xogħol mal-FIT jagħmlu mid-dar u ma baqagħlux ħajja soċjali. Biex joħroġ irid jiddependi għal kollox fuq il-familjari tiegħu. Finanzjarjament jiddependi fuq missieru u ħuh. L-attur jisħaq illi l-karriera tiegħu spiċċat u għandu biża' mill-futur għax ommu u missieru mhux se jibqgħu hemm għal dejjem u mbagħad ma jafx min se jieħu ħsiebu. Qed jieħu antidepressants at intervals u psikoloġikament iħossu diżastru;*

*Illi l-attur ippreżenta diversi ċertifikati u rapporti mediċi, fosthom:*

*(i) Rapport ta' Dr Anthony Galea Debono li ħejja rapport fis-16 ta' Mejju, 20133 (fol. 5) fejn jirrimarka illi fl-20 ta' April 2013 u ċjoè aktar minn sena wara l-accident, l-attur kien għadu jbati minn uġiegħ fil-wara ta' għajnejh u kien ibati biex jaqra. Irrimarka ukoll illi: "I understand that prior to the accident; Mr Grech was living a normal life and had a busy active professional practice. As stated previously, I went through his medical notes at Mater Dei / St Luke's Hospital. There is definitely nothing in his past medical history which is of any significance and related to his present problem." Irrimarka wkoll illi l-problema ma jaħsibx illi hija psikoġenika u għalkemm dawn is-sintomi ma dehrux immedjatament wara l-accident, jaħseb illi huma relatati miegħu.*

*(ii) Ċertifikat mediku ta' Dr Melvin Gouder illi fit-30 ta' Ottubru, 2012 iċċertifika 60% diżabbiltà lill-attur u qal illi se jibqa' bil-problemi ta' abnormalità li se tinterferixxi fil-ħajja tiegħu (fol. 7);*

*(iii) Ċertifikat minn Dr Charles Cassar illi huwa psychoterapist, jgħid illi meta ra lill-attur kien ilu ma joħroġ mid-dar għal xahrejn sħaħ; ikun muġugħ u jkollu problemi biex jorqod. Il-ħajja tiegħu tbiddlet totalment u jrid jadatta għal dan l-uġiegħ u li issa sar dipendenti fuq il-familja tiegħu. Qed jirrealizza illi huwa inkapaċi illi jagħmel ċertu affarijiet illi s-soltu jagħmel bla ma jaħseb dwarhom. Dan l-stat qiegħdu f'dipressjoni, dwejjaq u thewdin dwar il-futur. Huwa jbati biex jikkonċentra. Il-fatt illi ma kienx qed jaħdem kienet qed tkiddu u kien qed iħossu invalidu bħala persuna;*

*(iv) Dr Martin Skodacek (fol. 9) iċċertifika illi: "In the convalescence period were persisting attacks of anxiosity, depressions and virus problems with accommodation, nystagmus and retrobulbar pain – these problems are still persisting and causing psychical problems with anxiosity, depressions, difficulties with concentration."*

*(v) Il-konvenut ukoll ppreżenta żewġ ċertifikati mediċi, wieħed ta' Mr Kerstien Gabarretta (fol. 42) – oftalmoloġista fejn stabbilixxa illi l-vista tal-għajnejn tal-attur ġiet affettwata mill-inċident u jkollu juża nuċċali tal-vista fejn qatt qabel ma kellu bżonnu. Ikkalkula tletin fil-mija (30%) nuqqas ta' vista kif ukoll ċertifikat mediku ta' Dr J. Pace (fol. 43) fejn ta persentaġġ ta' diżabbiltà ta tmienja u għoxrin fil-mija (28%).*

*(vi) Ġiet ippreżentata fl-atti, xhieda tal-espert mediku Dr Dennis Mallia illi gie maħtur mill-Qorti Kriminali fil-proċeduri kontra Lawrence Agius fejn irrelata illi: "Għalkemm ma jinstab l-ebda abnormalità fiżika, hemm nuqqas funzjonali tal-vista tal-qrib tas-Sur Grech" u li qiegħed isofri minn accomodative asthenopia." Ikkonstata illi wisq probabbli mad-daqqa li ħa l-attur, ħabat l-medalla li qiegħda fejn jingħaqad l-għonq mal-kranju, u f'dan il-post partikolari hemm il-connections fejn wiehed jiffoka bihom, fejn tingħalaq u tinfetaħ il-pupilla tal-għajn u li jekk suppost qed tħares fil-viċin, wieħed jiffoka fil-vicin. Huma nervituri talment żgħar illi ma jirriflettux fit-testijiet magħmula għax huma microscopic u jaħseb illi dawn it-tip ta' nervituri ġew affettwati bid-daqqa li ħa l-attur waqt l-inċident. Għalhekk alloka persentaġġ ta' diżabbiltà mal-għajnejn ta' tletin fil-mija (30%) u dan iġib it-total ta' grad ta' diżabbiltà tal-persuna kollha għal tmienja u għoxrin fil-mija (28%) (fol. 121 et seq.) U li din il-kundizzjoni m'hijiex mistennija li tmur għall-aħjar fil-futur;*

*Illi fis-16 ta' Jannar 2015, il-Qorti ħatret żewġt esperti mediċi sabiex jaslu għal-quantum ta' diżabbiltà tal-attur: Il-kirurgu Dr Francis Carbonaro bħala espert oftalmiku u l-kirurgu Malcolm Vella bħala espert newroloġiku li kkonstataw illi: "Mill-eżami newroloġiku u oftalmaloġiku ma ġewx evidenzjati problemi oġġettivi, biss il-qari tal-viċin tas-Sur Grech huwa bla dubbju affetwat. Is-Sur Grech għandu problema kbira biex jaqra fid-dawl tant li qed juża nuċċali 'tinted'. Probabilment dan huwa riżultat ta' problema akkomodattiva. Peress li din il-problema nħolqot wara l-inċident, jkun raġonevolment plawsibbbli li natribbwixxu din il-problema ta' akkomodazzjoni tal-vista mal-inċident. Is-Sur Grech qabel l-inċident ma kellux problemi tal-vista. Għaldaqstant aħna nistimaw id-diżabbiltà permanenti tas-Sur Grech bħala 30% (tletin fil-mija), ikkalkulata skont il-ktieb Emendi fil-Liġi dwar Danni Ċivili";*

*Illi dwar l-istat mentali tal-attur ukoll hemm problema għaliex l-inċident inkwistjoni affettwalu l-aspetti kollha ta' ħajtu. Fil-fatt l-attur esebixxa rapport ta' psikoterapista Dr Charles Cassar fejn jikkonferma illi: "With his life and career put to a halt, due to these persistent issues, Mr Grech is under constant stress and his situation is getting worse with a number of psychological issues, amongst which are seclusion, high*

*irritability, apathy, weight gain, hypervigilance and severe eczema; all clear symptoms of a severe state of anxiety and depression (fol. 179). Waqt ix-xhieda tiegħu, Dr Cassar ikompli jispjega illi meta rah bħala pazjent tiegħu, l-attur "….kien ħażin, depressed, isfel, illi jien kważi kważi mhux taqta' qalbek imma għidt mill-prianjożi ta' dak iż-żmien it would be difficult to mhux bring him back to ife, to elevate his state u jiġi għan-normalità" (fol. 182). Kien inqata' l-kuntatt max-xhud għax l-attur ma setax jibda joħroġ u ggrava sew. Jiftakar li kien obeżi ħafna. "Tant hu obeżi li lanqas jiflaħ jiċċaqlaq." Eventwlment l-attur ma baqax imur għandu għax kellu problemi ta' finanzi;*

*Ikkunsidrat:*

***Kwantifikazzjoni tad-danni***

***(i) telf ta' qligħ futur***

*Ikkunsidrat:*

*Illi hu indiskuss illi skop tal-għoti ta' kumpens għad-danni huwa dak tar-restitutio in integrum fis-sens illi "l-iskop tal-ħlas tad-danni huwa dak li terġa' tpoġġi lil min ikun sofrihom fil-pożizzjoni daqslikieku huwa ma ġralu xejn" (Borg v Muscat – 09.01.1973 - PA). Lord Goddard ippoġġiha hekk: "The basic principle as far as loss of earnings and out-of-pocket expenses are concerned is that the injured person should be placed in the same financial position, so far as can be done by an award of money, as he would have been had the accident not happened" (British Transport Commission v Courley (1956) AC 185 at 206, HL).*

*Illi l-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ġjà enumerat Art. 1088 Kap 23; Art.751 Ordinanza. Dan l-artiklu ġie emendat permezz tal-Att III.1938.2; Att XXI.1962.17; XIII.2018.25; XXXII.2018.15) jistipula "kif għandhom jitqiesu d-danni" (Hekk tgħid in-nota marġinali), kemm b'mod ġenerali u speċifikament f'każijiet ta' "inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali". Is-subartiklu (1) tiegħu jaqra hekk:*

> *"Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skond id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib."*

*Ma' dan is-subartiklu hemm proviso, introdott fit-2018, li, fil-każ ta' ċerti reati kriminali li ma jkunux reati involontarji, "jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika kkawżati lir-rikorrent" preżentement sa massimu ta' €10,000. Imbagħad is-subartiklu (2) ikompli jgħid li:*

> *"Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċit tiġi stabbilita mill-*

> *qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità kkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara;"*

*Illi t-test Taljan kien oriġinarjament jaqra hekk:*

> *"751. Il danno che dev'essere risarcito da colui il quale lo abbia recato senza dolo, consiste nella perdita reale che il fatto abbia direttamente cagionato al danneggiato; nelle spese che questi abbia in sonseguenza del danno dovuto fare; e, se il danneggiato e una persona che lavora per salario od altro pagamento, ela perdita ancora di tale guadagno.*
>
> *"752. Il danno però che dev'essere risarcito da colui il quale lo abbia dolosamente recato, si intende, oltre le perdite e le spese menzionate nell'articolo precedente, al guadagno che il fatto impedisca al daneggiato di fare in avvenire, avuto riguardo al suo stato. La corte fissera per la perdita di tale guadagno, secondo le circostanze, una somma non eccedente cento lire sterline"*

*Illi għalhekk meta ġie redatt il-Kodiċi Ċivili, il-liġi kienet tagħmel distinzjoni bejn danni volontarji u danni involontarji; il-lucrum cessans kien ristrett għal dawk tal-ewwel xorta. Fis-sena 1938, tneħħa l-Art. 752 tal-Ordinanza iżda l-lucrum cessans li kien ikkontemplat fih ġie estiż għal kull dannu lill-persuna, anke jekk mhux ikkawżat b'reat volontarju. Ġie ffissat massimu ta' £100, iktar tard mgħolli għal £120, għal dan it-tip ta' dannu, li ġie mneħħi fis-sena 1962. Din is-sena stess (2018) kif diġà qalet din il-Qorti, reġgħet ġiet introdotta distinzjoni bejn danni kkawżati minn (ċerti) reati volontarji u danni oħrajn; din id-darba iżda, biex tinkludi, fid-danni kkawżati mill-istess reati volontarji, il-ħsara morali u psikoloġika;*

*Illi m'hemmx dubbju li l-kliem tal-liġi "juri l-meta (jiġifieri "d-destinazzjoni") bla ma juri t-triq sabiex bniedem jasal għaliha" (Carmelo Grech v Michael Azzopardi – 08.01.1947 – PA Kollez. Vol. XXXIII.ii.6, 7); ftit li xejn tagħti gwida għall-fissazzjoni tad-danni, imma titkellem biss ġenerikament, bla indikazzjonijiet demonstrationis causa - dan minkejja l-nota marġinali surreferita intitolata "kif għandhom jitqiesu d-danni" – ħlief bil-mod suċċint indikat fis-subparagrafu 2 tal-Art. 1045;*

*Illi din il-liġi tistabbilixxi li biex jiġi stabbilit it-telf ta' qligħ futur, il-Qorti trid tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ u fuq kollox:*

*(1) ix-xorta u grad ta' inkapaċità kkaġunata u*
*(2) il-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara*

*"u l-kumplament għal biex tiġi fissata l-fair compensation għandhom jiġu suppliti mill-ġudikant skond il-loġika naturali kontemperata mill-ekwità, u għalhekk l-ebda somma fissata f'każi taħt ċirkostanzi li ma jaqblux mal-każ in diżamina ma tista' sservi bħala norma fissa għal-likwidazzjoni tal-istess danni. Kull każ għandu jiġi regolat skond il-fattispeċji tiegħu" (Carmelo Grech v Michael Azzopardi – 08.01.1947 – PA XXXIII.ii.6, 7)*

*Illi ma nsibu l-ebda kompensazzjoni perfetta: "perfezzjoni aritmetika jew pjena u kompleta ad unguem fil-kumpens ma tistax tiġi pretiża, imma tista' tingħata dik biss li l-Ingliżi jsejħu fair and reasonable compensation derivanti miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, li umanament hija possibbli" (Vincenti v Micallef – 17.06.1961 PA XLV.ii.680).*

*Għalkemm matul iż-żminijiet ġew ventilati mill-ġurisprudenza tagħna bosta prepożizzjonijiet u adozzjonijiet ta' kriterji li magħhom għandu jimxi l-ġudikant, dawn mhux dejjem kienu uniformi u konsistenti, u l-Artiklu 1045 "neċessarjament u loġikament" iħalli "ħafna fid-diskrezzjoni prudenzjali tal-ġudikant" (Borg v Valenzia – 09.06.1972 - PA)*

*Illi minkejja l-mod skjett kif inhi redatta, il-liġi nnifisha xorta waħda tagħti żewġ elementi importanti għall-komputazzjoni tad-danni – wieħed oġġettiv (ix-xorta u grad ta' inkapaċità) u l-ieħor soġġettiv (il-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara). Għalhekk il-grad ta' inkapaċità medika hija waħedha u in abstracto ma tistax tittieħed bħala kejl biex jitqiesu d-danni: "Huwa logiku li telf ta' subgħa għal persuna normali huwa każ differenti minn telf tiegħu għal pjanista; bl-istess mod, telf ta' għajnejn għal pilota huwa aktar serju għal skop ta' lucrum cessans minn telf f'każ ta' persuna normali." (Carmen Borg v Eric Zammit – 11.12.2013 – PA - LFS). Fil-kawża klassika in materja, Butler vs Heard (Appell Ċivili, 22.12.1967, per Imħallef Maurice Caruana Curran) li "dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapaċità f'sens purament mediku, iżda l-effett illi l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tad-danneġġjat" (ara wkoll, per eżempju, P.A. GV 12.7.2002 fil-kawża fl-ismijiet Saviour Sammut et vs Robert Demanuele)*

*Illi kif ġjà ngħad, l-esperti mediċi kejlu diversi persentaġġi ta' diżabbiltà fiżika dwar l-attur. B'danakollu, il-Qorti mhix sejra toqgħod fuq dawn il-konstatazzjonijiet tal-esperti. Lanqas sejra toqgħod tagħmel distinzjoni bejn l-inkapaċità medika u l-inkapaċità hekk imsejħa "industrijali" fis-sens tal-persentaġġ ta' inkapaċità li jkompli jagħmel ix-xogħol li kien jagħmel qabel; jew jekk ikun il-każ xi xogħol ieħor, anke jekk prattikament il-menomazzjoni tal-vista inkapaċitat lill-attur għal kollox mit-tip ta' xogħol li kapaċi jagħmel. Sejra tuża kriterju differenti li fil-fehma tagħha huwa iktar addattat għal dan il-każ. Dak li jgħodd għal-liġi huwa t-telf ta' qligħ futur konsegwenzjali għall-inċident, u, f'dan il-każ, din il-Qorti sejra tasal għal dan il-kwantum billi bħala punt ta' tluq tqis id-differenza bejn id-dħul li kellu l-attur qabel l-inċident u d-dħul li qiegħed ikollu wara;*

*Illi minħabba l-inċident, l-attur tilef xogħlu mal-MITA. Meta seħħ l-inċident fit-2012 kellu 35 sena, dħul gross ta' salarju bażiku ta' €26,800 bi prospetti tajbin għall-promozzjonijiet tul iż-żmien, apparti ż-żidiet tal-għoli tal-ħajja. Din il-Qorti sejra tagħmel aġġustament ta' 20% għal żidiet fuq perjodu ta' 25 sena, abbażi ta' ħajja lavorattiva sa 60 sena anke jekk l-età tal-irtirar qiegħda ssir progesssivament ikbar minn hekk u tifhem li bħalissa l-età tal-irtirar għall-attur hija ta' 65 sena.*

*Din il-Qorti, min-naħa l-waħda mhix se tinkludi l-bonus li kien jirċievi l-attur u min-naħa l-oħra qed tieħu l-paga gross. Li jwassal għal ammont ta' €32,188 fis-sena. €32,188 x 25 sena = €804,700. Fl-impjieg li għandu fil-preżent jaqla' madwar €500 fix-xahar, li jfisser telf ta' €1,885 fix-xahar jew nuqqas ta' 79% fil-paga. Jekk jibqa' fl-impjieg li għandu llum, ifisser li matul il-ħajja lavorattiva maħduma kif fuq ingħad, ikollu telf ta' €804,700 x 79% = €635,713.*

*Illi l-Qorti mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata lump sum. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat;*

*Illi din il-Qorti hija konsapevoli b'ċerta ġurisprudenza li tqis it-take home pay, u mhux il-gross pay, filwaqt li ġurisprudenza oħra tqis il-gross pay (fl-Ingilterra huwa stabbilit li jiġi kkalkulat il-qligħ nett: "It is now the established rule that loss of earnings will be calculated on the basis of the net earnings after the deduction of tax and any similar unavoidable charges. That is, both the earnings before the accident and the estimated earnings afterwards, will be taken at the net figure." – Munkman on Damages for Personal Injuries and Death, 12th ed. 2011, Chapter 12, page 166). Il-Qorti qieset il-gross pay, li tinkludi t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-ewwel għax kif fuq ingħad ma kkalkulatx il-bonus li kien jieħu l-attur, u t-tieni għaliex in-nuqqas ta' ħlas ta' kontribuzzjonijiet soċjali u n-nuqqas tal-paga ġġib tnaqqis fil-pensjoni – pensjoni li l-attur se jkollu bżonnha iktar minn ħaddieħor – u għalhekk ħaġa tpatti għall-oħra;*

***(ii) spejjeż futuri***

*Illi l-attur qed jitlob ukoll kumpens għal spejjeż futuri previsti. M'hemm xejn fil-liġi li jżommu milli jitlob danni ta' dan it-tip, għaliex huma xorta waħda dak it-"telf effettiv" li jsemmi l-Artiklu 1045, anke s'issa m'humiex imġarrba. Din il-Qorti, diversament ippreseduta, illikwidat somma sostanzjali ta' dan it-tip f'kawża b'ċirkostanzi li jixxiebħu (Alexander Caruana v Daniel Bonnici, 15.03.2011 - Prim'Awla, per Onor. Imħ. Giannino Caruana Demajo). Fi kliem ieħor, il-liġi tagħti jedd mhux biss għal telf ta' qligħ futur, imma wkoll għal spejjeż futuri li jsiru kawża tal-inċident. L-ispejjeż tal-attur jikkonsistu f'kura medika u f'nursing expenses;*

*Illi kalkolu bħal dan huwa diffiċli għax jinvolvi proġettazzjoni fil-futur. Sinifikanti ħafna li jingħad mill-awtorità ewlenija in tema ta' danni minn ħsara personali li "Claims for future care and nursing expenses are usually the major element of a claim in 'catastrophic injury' cases" (Munkman on Damages for Personal Injuries and Death, 12th ed.*

*2011, Chapter 12, page 111). Illum din l-għajnuna qiegħda tingħata bla ħlas mingħand il-familjari tiegħu; 'il quddiem, meta dawn il-familjari jikbru u jkollhom bżonn l-għajnuna huma, sejjer ikollu jħallas lil min jieħu ħsiebu. Huwa minnu li l-attur naqas milli jippreżenta xi prospett dwar il-bżonnijiet jew il-mediċini li se jkollu bżonn fil-futur u lanqas ippreżenta xi stima tal-ispejjeż li tqum 'home' jew xi dar oħra fejn l-attur fil-ġejjieni jista' jkun residenti fiha. L-attur semma biss dawn l-affarijiet fin-nota ta' sottomisjonijiet tiegħu u ressaq 'il quddiem ċifri spekulattivi u ma kinux ta' għajnuna għall-qorti daqskemm kellu jkun. Għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi għal-likwidazzjoni ta' dan it-tip ta' dannu arbitrio boni viri. "Tassew illi l-qorti għandha dik is-setgħa: hemm ċirkostanzi fejn, għalkemm ħsara tkun saret u għalhekk il-vittma jkollu jedd għal risarċiment, madankollu l-prova tal-quantum ma tkunx tista' raġonevolment issir u għalhekk, biex ma ssirx l-inġustizzja ta' dannu mingħajr kumpens, il-qorti jkollha tagħmel likwidazzjoni arbitrio boni viri. Il-qorti iżda ma tinqediex b'din is-setgħa biex tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' parti jew oħra li tressaq il-provi li setgħet tressaq u li ma kien hemm xejn xi jżomm milli tressaqhom (Busuttil v Muscat 03.11.2010 – PA – per Onor. Imħ. G. Caruana Demajo);*

*Illi fiċ-ċirkostanzi, inevitabbli, il-qorti sejra tqis il-lista ta' spejjeż tal-atturi biss bħala indikazzjoni ta' x'jistgħu jkunu l-ispejjeż fuq il-medda ta' numru ta' snin. Spejjeż għat-terapija, għalkemm jibqgħu meħtiega matul il-ħajja kollha tal-attur, x'aktarx illi kienu aktar fl-ewwel snin milli fis-snin ta' wara meta l-kondizzjoni tkun stabilizzat ruħha; spejjeż għall-għajnuna x'aktarx illi jiżdiedu, u jiżdiedu konsiderevolment, kemm għax is-sehem li tista' tagħti l-omm jonqos meta din tibda tikber, u kemm għax il-ħlasijiet li jkollhom isiru lil min jagħti l-għajnuna x'aktarx jiżdiedu matul is-snin. Wara li qieset dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti tillikwida, anke jekk b'mod kawt u konservattiv ħafna, l-ispejjeż futuri fis-somma ta' €30,000.*

*Illi din il-Qorti mhix qiegħda tinkludi fid-danni l-ispejjeż mediċi immedjati tal-attur billi dawn diġà tħallsu mid-ditta assikuratriċi tal-konvenut;*

*(iii)* **danni extra-patrimonjali**

*Illi l-attur qiegħed jitlob ukoll danni morali, in forza ta' emendi fil-kodiċi ċivili li ġew fis-seħħ ferm wara l-inċident, ċjoè din is-sena stess (2018) permezz ta' żewġt emendi, bl-ewwel waħda tinkludi danni morali u psikoloġiċi għal kull tip ta' reat kriminali, u bit-tieni waħda tirrestrinġih għal reati volontarji. Billi din hi liġi sostantiva, ma tapplikax retroattivament. Barra minn hekk, ma tapplikax għal reati involontarji, kif inhu l-każ preżenti. Interessanti kif il-liġi ssemmi ħsara morali jew psikoloġika – jidher mad-daqqa t'għajn li, a contariu sensu, il-leġislatur qiegħed jeskludi, flimkien mad-danni morali, il-ħsara psikoloġika bħala fonti ta' danni fejn dawn ma jkunux ikkawżati minn reat volontarju (Dan jista' jkun f'konflitt mal-Kostituzzjoni u d-dritt komunitarju: ara Linda Busuttil v Dr. Josie Muscat 30.11.2010 Prim' Awla).*

*Illi interessanti dak li qalet din il-Qorti, diversament ippreseduta, fir-rigward ta' danni mhux patrimonjali:*

*"59. It-telf li ġarrbet l-attriċi, iżda, ma huwiex biss patrimonjali.*

*"60. L-attriċi ġarrbet ħsara f'ġisimha u, minħabba f'hekk, ukoll fil-psike tagħha. L-integrità psiko-fiżika tal-persuna hija valur imħares kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u kif ukoll mill-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea ["il-Karta"], li fl-art. 3 – "Id-dritt għall-integrità tal-persuna" – para. 1 tgħid hekk: "Kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-integrità fiżika u mentali tagħha.". Din il-Karta, skont l-art. 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, "għandha jkollha l-istess valur legali bħat-Trattati", u għalhekk il-qrati Maltin, għalkemm il-Karta nfisha japplikawha direttament biss "meta jkunu [qegħdin] jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni", huma marbuta illi jinterpretaw il-liġijiet ta' Malta b'mod konformi.*

*"62. L-art. 1033 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk dwar id-danni li għandu jħallas min bi ħtija tiegħu jagħmel ħsara lil ħaddieħor:*

*""1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."*

*"63. Fid-dawl ta' dak li għidna fuq dwar l-interpretazzjoni konformi, il-"ħsara li tiġri" ma tistax aktar tiġi interpretata bħallikieku tfisser biss ħsara patrimonjali iżda għandha tiġbor il-ħsara kollha, ukoll dik mhux patrimonjali bħal ma hija l-ħsara lill-ġisem meta tolqot l-integrità fiżika tal-persuna. L-istess għandu jingħad għat-"telf effettiv" imsemmi fl-art. 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili. Wara kollox, u wkoll bla ma nqisu dak li tgħid il-Karta, il-liġi tad-delitti ċivili ta' pajjiż ewropew tas-Seklu I ma tistax tkompli tħalli bla rimedju lil min iġarrab ħsara fil-valuri fondamentali tal-ħajja. L-attriċi, bi ħtija tal-konvenuti, ġarrbet ħsara fl-integrità tal-persuna tagħha u għalhekk il-konvenuti huma obbligati għall-ħlas ta' din il-ħsara, kif igħid u jrid l-art. 1033 tal-Kodiċi Ċivili moqri fid-dawl tal-art. 3.1 tal-Karta.*

*"63. Il-ħsara mhux partimonjali, min-natura stess tagħha, u fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet leġislativi li jirregolaw il-quantum, ma tistax tiġi likwidata jekk mhux arbitrio boni viri wara lil-qorti tqis il-fatturi kollha li ssemmew fuq. Wara li qieset dan kollu, il-qorti tillikwida d-danni mhux patrimonjali li ġarrbet l-attriċi fis-somma ta' ħamest elef euro (€5,000) (Linda Busuttil v Josie Muscat – Prim'Awla, per Imħallef Giannino Caruana Demajo, 30.11.2010, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell 27.06.2014)"*

*Illi fid-dawl tal-emendi suċċitati ta' din is-sena, forsi sar iktar diffiċli wieħed jinterpreta l-liġi Ewropeja kif għamlet il-Qorti f'Busuttil v Muscat – għalkemm għal dak li jirrigwarda lil dan il-każ, wieħed jista' jargumenta wkoll illi sakemm ġiet promulgata din il-liġi, wieħed seta' jsegwi t-tagħlim f'dik is-sentenza – kif effettivament għamlu l-Qrati tagħna f'diversi sentenzi lil ngħataw. Il-leġislatur għamel pass 'il*

*quddiem; iżda aktarx inkonxjament tefa' l-liġi żewġ passi lura;*

*Illi jekk hemm każ fejn tabilħaqq għandu, almenu skont ir-raġuni, il-ġustizzja u l-ekwità, jingħata dan it-tip ta' dannu, huwa dan. B'danakollu, din il-Qorti mhix sejra tiddeċiedi jekk tistax tagħti kumpens għal danni extra-patrimonjali, billi qiegħda tagħmel ħilitha kollha biex tikkumpensa lill-attur adegwatament għad-danni patrimonjali, anke billi din il-Qorti qiegħda attenta biex ma tesaġerax fuq l-ebda naħa;*

*Illi l-Qorti tista' tieqaf hawn. Imma waqgħet għat-tentazzjoni li żżid dan il-kumment, forsi jaqa' f'widnejn il-leġislatur: kien f'nofs il-Żminijiet tan-Nofs li mhux biss ġie rxuxtat il-kunċett tad-"dominium" tad-Dritt Ruman b'riferenza għall-proprjetà, imma b'mod innovattiv ġie estiż għall-persuna:*

> *"Il nuovo, però, che si profila da questo fertile Trecento in poi, sta nella onnivalenza del dominium, che diventa la generale categoria interpretativa sia della realtà intersoggettiva che di quella intrasubbiettiva. Accanto alla proprietà delle cose del mondo esterno (dominium rerum), assistiamo alla enfatizzazione del dominium sui, della proprietà che ciascuno ha sulle proprie membra che la divinità ha inserito dentro ognuno a tutela della sua individuale esistenza" (Paolo Grossi, L'Europa del Diritto, settima edizione, 2011);*

*Filwaqt li l-leġislatur Malti kien progressiv f'ħafna oqsma oħrajn, fil-każ tad-danni fuq il-persuna għadu maqbud fi żmien il-medjuevu bikri."*

8. Il-konvenut Lawrence Agius appella minn din is-sentenza b'rikors imressaq fit-2 ta' Novembru, 2018, bl-aggravji jkunu dawn: (i) li l-fatt li l-kumpanija assiguratriċi tal-konvenut ħallset €15,000 lill-attur għall-ispejjeż immedjati li ġew imġarrba minnu bħala riżultat tal-inċident ma kellux ifisser li l-konvenut kien qiegħed jaċċetta li l-problemi fiżiċi u mentali, li l-attur qed jallega li għandu, tnisslu sewwasew minħabba l-ħabta; (ii) li l-Ewwel Qorti kellha toqgħod fuq ir-rapporti tal-esperti maħtura minnha stess; (iii) li l-ammont tat-telf ta' qligħ (*lucrum cessans*) imġarrab mill-attur ġie mħaddem mill-Ewwel Qorti fuq kejl ħażin; u (iv) li bil-liġi l-attur ma jistax jiġi mħallas għal spejjeż futuri li jista' jonfoq

minħabba l-qagħda fiżika u mentali tiegħu.

9. Il-konvenut Lawrence Agius wieġeb għal dan l-appell fit-22 ta' Novembru, 2018 u fir-risposta huwa ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud.

10. Inżamm smigħ fis-27 ta' April, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. Il-Qorti tibda billi tosserva illi azzjoni għall-ħlas ta' danni personali minħabba inċident, bħal dik imnedija mill-attur appellat, trid tiġi mistħarrġa fid-dawl tal-prinċipju Latin magħruf bħala «*An et Quantum Debeatur*», li maqlub għall-Malti jfisser: jekk u kemm huwa dovut.

12. Tassew huwa magħruf f'dan il-qasam tal-liġi, li azzjoni maħsuba għall-ħlas tad-danni hija maqsuma f'żewġ stadji differenti. Fl-ewwel stadju tal-kawża jrid jiġi stabbilit jekk il-konvenut jaħtix għall-inċident inkwistjoni; u kemm-il darba din ir-responsabbiltà fil-konvenut tinstab, allura fit-tieni stadju tal-kawża, wieħed irid jara liema u kemm huma d-danni li ġew imġarrba minħabba dak l-inċident (ara ***Giovanni Fava nomine v. Nutar Giovanni Vella*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Frar, 1935, ***Antonio Borg nomine et v. Guido Abela et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell

fl-14 ta' Mejju, 1954 u ***Vincent Fenech et v. Keyland Company Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-30 ta' Ottubru, 2009).

13. Imbilli kawża ta' din l-għamla hija maqsuma f'żewġ stadji, ma jfissirx b'daqshekk li biex azzjoni bħal din tkun tista' tissokta, hemm bżonn li jkun hemm talba speċifika fir-rikors maħluf biex tiġi ddikjarata r-responsabbilità. Dan għaliex talba għall-kundanna għall-ħlas ta' danni timplika fiha nfisha, dak kollu meħtieġ biex tkun tista' tintlaqa' talba bħal dik, fosthom li hemm bżonn li tinstab ħtija fl-inċident illi jkun seħħ (ara ***Hompesch Station Limited v. Korporazzjoni Enemalta et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Ottubru, 2021).

14. Dak li però huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu huwa: li kemm l-oneru tal-prova tal-ħtija, kif ukoll il-piż tal-prova tad-danni huma mixħuta fuq min ikun qiegħed jitlob li jiġi mħallas għad-danni (ara ***Avv. Louis Bianchi nomine v. George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-14 ta' Lulju, 2004).

15. Fil-każ tal-lum il-konvenut appellant, fl-ewwel eċċezzjoni tar-risposta maħlufa tiegħu, stqarr li huwa responsabbli għall-ħabta li ġrat f'Raħal Ġdid nhar is-16 ta' Frar, 2012 (ara paġna 40 tal-atti tal-kawża). Għalhekk fid-dawl ta' din l-ammissjoni ta' ħtija, l-ewwel stadju tal-azzjoni li għandha x'taqsam mar-responsabbilità ġie megħlub.

16. Darba li m'hemmx kwistjoni dwar il-ħtija tal-inċident, il-pass li jmiss huwa li wieħed jgħarbel jekk il-ħtija min-naħa tal-konvenut appellant ħolqotx id-dannu li l-attur appellat qiegħed jgħid li ġarrab. Dan huwa wara kollox il-qofol tal-appell li ġie mressaq mill-konvenut appellant.

17. Bilkemm hemm ħtieġa illi jingħad, is-sejbien tar-responsabbiltà għad-danni ma jfissirx bilfors li d-danni tassew jeżistu (ara ***Louis Sammut et v. Carmelo sive Charles Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-16 ta' Marzu, 2005); imma jfisser biss li l-konvenut hu responsabbli għad-danni jekk ikun hemm (ara ***Kurunell Stephen Borg nomine et v. Joseph Schembri*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar, 1965). Tassew, il-liġi trid li min ikun responsabbli għad-danni għandu jħallas kull dannu li raġonevolment jitqies bħala konsegwenza diretta tal-fatt illeċitu (ara ***Carmelo Bugeja v. Lorenzo Cassar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 1966).

18. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Charles Grima nomine v. John Caruana*** deċiża fit-3 ta' Frar, 2009, wieħed hawnhekk irid iżomm saqajh mal-art u mhux, b'effett ta' immaġinazzjoni fertili, jitfa' figuri astronomiċi li, taħt ebda ċirkostanza ma jidhru plawsibbli.

19. Ir-riga li wieħed għandu juża' fil-likwidazzjoni tad-danni għandha tkun marbuta biss mat-telf imġarrab bħala riżultat naturali tad-danni li jkun

ġie lilu magħmul (ara ***Joseph Grech et v. Noel Cassar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Ottubru, 2006). L-attur għalhekk ma jistax ineħħi minn fuqu l-obbligu tal-prova tal-likwidazzjoni tad-danni, billi jappella għas-sens ta' ħniena jew dehen arbitrali tal-ġudikant mingħajr ma jagħti ħjiel ta' prova ta' dak li jitlob. Il-Qorti għandha tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* biss meta jkun impossibbli għall-attur li jressaq provi preċiżi dwar il-valur u d-daqs tal-ħsara u mhux meta jonqos kompletament li jressaq provi dwarhom (ara ***Avv. Noel Camilleri nomine v. Silvio Borg et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022).

20. Dan kollu jinġabar f'dak imtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Pacifico Fenech v. William Ronald Murphy*** deċiża fit-3 ta' Novembru, 2006 li:

> *"Huwa minnu li kemm-il darba kellu tassew jirriżulta li dannu partikolari kien konsegwenza diretta tas-sinistru u hemm prova preċiża u inekwivoka f'dak li hu ammont minfuq, allura f'dak il-każ il-Qorti tkun marbuta li tagħti l-ammont sħiħ in linea ta' danni u dan għandha tagħmlu mingħajr intromissjonijiet ta' natura arbitrarja. Iżda fejn il-Qorti jidhrilha li dawn l-ispejjeż, ankorké żborzati mill-vittma, ma kinux relatati direttament mas-sinistru, jew ma kinux strettament meħtieġa, jew inkella m'humiex ġustifikati f'dik li hija l-entità tan-nefqa li tkun saret, allura huwa evidenti li, f'każijiet bhal dawn, dik il-Qorti ma tkunx marbuta li taċċetta dak kollu li ġie minfuq u tinkludih fil-likwidazzjoni tagħha."*

21. B'dawn il-prinċipji quddiemha, din il-Qorti tista' tgħaddi biex tindirizza wieħed wieħed l-aggravji mressqa mill-konvenut appellant.

22. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tiegħu l-konvenut appellant jgħid li l-Ewwel Qorti ma qalitx sew li huwa kien qiegħed jaċċetta li hemm rabta bejn l-

inċident u d-danni mġarrba mill-attur għar-raġuni li l-kumpanija assiguratriċi kienet qiegħda tinnegozja mal-attur dwar id-danni u anke ħallsitu €15,000. Il-konvenut appellant isostni li dan il-ħlas, li sar lill-attur appellat, twettaq biss biex itaffi l-ispejjeż immedjati li kienu ġew minfuqa minnu. Minbarra dan, huwa jargumenta li l-fatt illi parti tkun lesta li tinnegozja dwar l-ammont dovut, fuq bażi bla preġudizzju, ma jsarrafx b'daqshekk f'ammissjoni tar-responsabbiltà. Anzi huwa jsostni li jekk wieħed kellu jaċċetta din it-teżi, dan ikun ifisser li l-ebda assigurazzjoni ma tidħol f'taħditiet mal-parti danneġġjata u ma tħallas l-ebda somma inizjali biex tgħin lill-parti mġarrba. Fl-aħħar nett, l-appellant iressaq argumenti biex jixħet dubji dwar kemm il-problemi f'għajnejn l-attur appellat u l-problemi mentali u ta' obeżità huma tassew marbuta mal-inċident tat-traffiku li seħħ fl-2012.

23. L-attur appellat wieġeb għal dan l-aggravju billi saħaq li ladarba l-konvenut appellant ikkontesta biss l-ammont tad-danni u mhux ir-responsabbiltà, tant li sar anke ħlas akkont tad-danni, allura dan bilfors kellu jfisser li l-konvenut appellant kien qiegħed jaċċetta li hemm forma ta' rabta ta' kawżalità bejn l-inċident u d-danni miltuba minnu.

24. Din il-Qorti kienet tkun f'qagħda li tqis dan l-aggravju aħjar, li kieku l-konvenut appellant ressaq prova tajba li turi li dak li ġie mħallas mill-kumpanija assiguratriċi tiegħu ma kienx għarfien tad-danni kollha mitluba mill-attur appellat iżda kien ħlas biss akkont ta' danni speċifiċi.

25. Madankollu kemm fir-risposta maħlufa tiegħu u kif ukoll wara mistoqsija li saret minn din il-Qorti lill-avukat tiegħu, waqt it-trattazzjoni tal-appell matul is-seduta tas-27 ta' April, 2023, il-konvenut appellant ma kienx kapaċi jfisser għal xiex tħallsu l-€15,000. Il-konvenut appellant jgħid biss, li barra l-ispejjeż relatati mal-użu tal-vettura, il-kumpanija assiguratriċi tiegħu ħallset lill-attur appellat is-somma ta' €15,000 «*bħala ħlas akkont tad-danni subiti mir-rikorrenti u dan sabiex tkopri l-ispejjeż immedjati tar-rikorrenti.*»

26. B'żieda ma' dan, il-konvenut appellant la ressaq xhieda jew provi dokumentarji biex ifisser għal liema tip ta' danni ġew imħallsa l-€15,000, wisq anqas ma ressaq provi orali jew miktuba li juru li dak il-ħlas jew it-taħditiet li nżammu b'rabta ma' dak il-ħlas kienu saru tabilħaqq bla preġudizzju għall-jeddijiet jew difiżi tal-partijiet rispettivi.

27. Meta wieħed imbagħad iqis, li d-danni kollha mitluba mill-attur appellat f'din il-kawża huma kollha marbuta mad-diżabbiltà fiżika, mal-uġigħ u mat-tbatija fiżika u emottiva li huwa qiegħed jgħid li ġarrab b'konsegwenza tal-ħabta, allura fuq bilanċ ta' probabilità, din il-Qorti temmen li dan il-ħlas akkont sar sewwasew b'rabta ma' din il-ħsara fuq il-persuna tal-attur appellat.

28. Huwa veru li l-konvenut appellant ma qabilx maċ-ċifri li kien qed

jitlob l-attur appellat, imma dan xorta ma jbiddilx il-fatt li l-ħlas akkont ta' €15,000, sar għaliex kien hemm għarfien min-naħa tal-konvenut appellant, li hemm rabta ta' kawżalità bejn l-inċident u l-ħsara li l-attur appellat qed jgħid li ġarrab fuq persuntu. Li kieku ma kienx hekk, il-kumpanija assiguratiċi tal-konvenut appellant ma kinitx ħa toqgħod tħallas is-somma ta' €15,000 akkont tad-danni għalxejn b'xejn. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis illi l-kumpanija assiguratriċi kellha ħjiel sew li l-attur appellat kien qiegħed jesperjenza problemi fil-vista tiegħu wara li saret il-ħabta, għaliex kienet qabbdet lil Dr. A. Galea Debono (ara paġni 5 u 6 tal-atti tal-kawża) u lil Mr Kerstien Gabaretta sabiex jinvistaw lill-attur appellat. Barra minn hekk, hemm ukoll ir-rapport mediku ta' Dr J. Pace tat-22 ta' Awwissu, 2013, li ġie mehmuż bħala Dok. JP2 mar-risposta maħlufa tal-konvenut appellant stess, fejn fih huwa ċċertifika li l-attur appellat kellu diżabbiltà fiżika bi grad ta' 28% (ara paġna 42 tal-atti tal-kawża).

29. Fuq kollox, anke ż-żewġ esperti ġudizzjarji maħtura mill-Qorti, jiġifieri, Mr Francis Carbonaro u Dr Malcolm Vella qalu fir-rapport tagħhom illi d-diżabbiltà permanenti tal-attur appellat fil-grad ta' 30% tista' raġonevolment tiġi attribwita mal-ħabta (ara paġna 96 tal-atti tal-kawża). L-avukata tal-konvenut appellant, fil-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru, 2015 (ara paġna 100 tal-atti tal-kawża), iddikjarat li hija kienet qiegħda toqgħod fuq il-konklużjonijiet milħuqa minn dawn l-esperti ġudizzjarji. Ifisser għalhekk li l-konvenut appellant mhuwiex fejjiedi meta

fl-ewwel aggravju tiegħu huwa jipprova jargumenta li l-attur appellat ma ġarrabx ħsara f'għajnejh minħabba l-inċident.

30. Hekk ukoll, għalkemm l-Ewwel Qorti dehrilha li ma kellhiex taħtar espert ġudizzjarju fil-qasam tal-psikjatrija, tant li għal tliet darbiet hija ċaħdet it-talba tal-attur appellat sabiex jinħatar wieħed, madankollu din il-Qorti fuq il-bażi tal-probabbiltà, ma tarax li hija xi ħaġa ta' barra minn din id-dinja, li minħabba dak li ġara fl-inċident, l-attur appellat spiċċa biex ingħalaq fih innifsu. Tassew din il-Qorti m'għandhiex għalfejn ma temminx ix-xhieda ta' Stephen Cassar, Kevin Victor Grech, Joseph Grech u Ian Baldacchino, li lkoll jgħidu li l-imġiba tal-appellat marret għall-agħar minn wara l-inċident.

31. Barra minn hekk, għandek ir-rapport tal-psikoterapista Dr. Charles Cassar tad-19 ta' Mejju, 2012 (ara paġna 8 tal-atti tal-kawża) li jgħid li, «*Apart form the physical injuries he sustained, Mr Grech is also dealing with the psychological repercussions which are a result of his injuries and disabilities.*»

32. Fl-istess rapport hemm imniżżel li din il-bidla f'ħajtu, li ġabet lill-attur appellat jiddependi fuq ħaddieħor:

> *"led him to enter into a depressive state, with bouts of severe sadness, worries about the future and general unhappiness about his condition. Symptoms of post traumatic stress disorder can also be seen. He re-experiences the accident over and over again in his mind. He has troublesome memories, flashbacks and recurring nightmares. Mr*

> *Grech also has sleep problems, is irritable and hyper vigilant and has poor concentration."*

33. Min-naħa tiegħu, il-konvenut appellant la ressaq prova biex imeri dawn ix-xhieda u lanqas ma ressaq prova oħra li turi li l-attur appellat ġa kien ibati minn problemi ta' dipressjoni jew ta' ansjetà qabel l-inċident.

34. Naturalment wieħed irid japprezza, li mhux kull persuna tesperjenza trawma ta' inċident bl-istess mod. Hawn min iderri u jgħaddilu malajr, hawn min jieħu ż-żmien biex jiġi f'tiegħu u hawn min jibqa' taħtha tul ħajtu kollha. F'dan il-każ, il-Qorti jidhrilha li l-inċident laqat ħażin lill-attur appellat, kemm b'mod fiżiku, kif ukoll b'mod emozzjonali.

35. Għalhekk kontra dak li jsostni l-konvenut appellant fl-ewwel aggravju tiegħu, din il-Qorti temmen li hemm rabta kawżali ċara bejn l-inċident u n-natura tad-danni li l-attur appellat qiegħed jgħid li ġarrab fuq persuntu. Issa jekk din il-ħsara wasslitx għal diżabbiltà permanenti, li dwarha jeħtieġ li jitħallas kumpens, il-Qorti trid taraha aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

36. Dan l-aggravju tal-konvenut għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

37. It-**<u>tieni aggravju</u>** tal-konvenut appellant huwa dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti ma qagħditx fuq l-esperti mqabbda minnha stess fejn għandu x'jaqsam mad-diżabbiltà permanenti.

38. Fuq ix-xaqliba l-oħra, l-attur appellat jgħid li l-qrati tagħna jgawdu minn diskrezzjoni dwar jekk għandhomx joqogħdu fuq l-esperti ġudizzjarji jew le.

39. Huwa minnu dak li jgħid l-attur appellat, li bil-liġi skont l-**Artikolu 681 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-Qorti mhijiex marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti ġudizzjarji kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha. Madankollu, ladarba l-fehmiet tal-esperti tekniċi huma meqjusa bħala aċċertament ta' fatti, allura biex il-Qorti tkun tista' titbiegħed minnhom, jeħtieġ illi jkun hemm raġunijiet serji u validi biżżejjed (ara ***Paul Lungaro v. Salvino Lungaro*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2021 u ***Carmel sive Charles Gatt et v. Joseph Stagno*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2021).

40. Tassew, Qorti ma tistax tkun tant prużuntuża illi tmur kontra l-opinjoni teknika tal-esperti tagħha, meta tali opinjoni ma tkunx ġiet raġonevolment megħluba bi provi oħra konvinċenti (ara ***Benjamin Camilleri noe v. Charles Debattista et noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar, 2001). Dan għaliex, f'qasam tekniku jew speċjalizzat, l-Imħallef ma jkollux dak l-għarfien tas-suġġett jew ħila prattika biex minn rajh jasal għal fehma li ma tkunx gwidata minn fehma teknika ta' espert fil-qasam (ara ***Simone Eve Collette Sammut et v. Adam Sammut*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021 u ***Geswalda Caruana***

***v. Francis Xerri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2014).

41. L-importanza tal-perizja teknika tassumi aktar rilevanza f'każ bħal dan, meta wieħed iqis li fir-rikors maħluf tiegħu l-attur appellat ressaq talbiet speċifiċi sabiex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tiddikjara li huwa qed ibati minn diżabbiltà permanenti minħabba l-inċident li seħħ u li għalhekk huwa jistħoqqlu li jiġu kkumpensat. Bil-mod ta' kif inhuma mfassla dawn it-talbiet, huwa ċar li l-attur appellat qiegħed idur fuq l-**Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili**, li jagħti jedd lil kull min ġarrab danni, sabiex ifittex għat-telf ta' qligħ li huwa sejjer ibati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali. Mingħajr prova tad-diżabbiltà permanenti, wieħed ma jistax jitlob li jitħallas għal dawn it-tip ta' danni (ara ***Alfred Axisa v. Roger Attard*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2019).

42. Fil-fehma ta' din il-Qorti, Imħallef bla taħriġ u speċjalizzazzjoni fil-qasam mediku, ma jistax mingħajr ma jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu l-fehmiet tal-esperti mediċi, jiddeċiedi jekk persuna tbatix minn inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali skont l-**Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili**. B'aktar qawwa, Imħallef li jkollu fl-atti tal-kawża rapporti ta' esperti mediċi maħtura mill-Qorti stess, ma jistax ma jagħtix kashom, sakemm ma jurix li hemm raġuni valida għaliex m'għandux joqgħod fuqhom (ara ***Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022).

43. Għalhekk daqskemm l-Ewwel Qorti ma mxietx sew, meta bi tliet digrieti ċaħdet it-talbiet ripetuti tal-attur appellat biex jinħatar espert psikjatriku biex jivverifika jekk huwa ġarrabx inkapaċità psikoloġika, meqjus li fir-rikors maħluf l-attur appellat kien qiegħed jilmenta minn tbatija emottiva minħabba l-inċident (għalkemm dwar dan ma sar l-ebda appell mill-attur appellat), daqstant ieħor però, l-Ewwel Qorti ma mxietx tajjeb meta biex taħdem it-telf ta' qligħ skont l-**Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili** hija għażlet li ma timxix fuq il-grad ta' diżabbilità stmat mill-espert oftalmiku u mill-espert newroloġiku li ġew maħtura minnha.

44. F'dan is-sens għalhekk dan it-tieni aggravju tal-konvenut appellant qiegħed jiġi milqugħ.

45. It-**<u>tielet aggravju</u>** mressaq mill-konvenut appellant għandu x'jaqsam mal-mod kif l-Ewwel Qorti wasslet għaċ-ċifra ta' €635,713 dovut lill-attur għat-telf ta' qligħ b'riżultat tal-ħabta. Il-konvenut appellant jibda billi jilmenta li l-Ewwel Qorti messha ħadmet id-danni dwar it-telf ta' qligħ futur bil-kejl imħaddan fil-ġurisprudenza Maltija f'dan il-qasam. Minbarra dan, jgħid li l-Ewwel Qorti kellha tnaqqas l-ammont likwidat b'20% minħabba li kien sejjer isir ħlas kollu f'daqqa. Iżid jgħid li l-*multiplier* kellu jinħadem sakemm l-attur appellat jagħlaq 55 sena u mhux sakemm jagħlaq 60 sena. Jisħaq li l-Ewwel Qorti kien messha ħadmet fuq il-paga netta tal-attur appellat u mhux fuq id-dħul gross tas-salarju, kif ukoll, li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tqis żidiet futuri fil-paga. Jagħlaq billi jsostni li l-

imgħax għandu jitlaq mid-data ta' din is-sentenza u mhux mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

46. L-attur appellat wieġeb li għalkemm l-uniformità u l-konsistenza fil-komputazzjoni tad-danni hija sabiħa u meħtieġa, madankollu l-għan tal-liġi mhuwiex li tintuża formula flok oħra, iżda li ssir ġustizzja ma' min ikun ġarrab id-danni. F'dan il-każ, l-attur appellat jargumenta li huwa ħaqqu jirċievi d-danni kollha li ġew likwidati mill-Ewwel Qorti. Madankollu anke jekk stess din il-Qorti tal-Appell kellha timxi fuq il-formula stabbilita fil-ġurisprudenza, l-attur appellat jisħaq li t-telf ta' qligħ futur għandu jinħadem fuq: (i) id-dħul gross tas-salarju tiegħu, kif aġġustat bl-għoli tal-ħajja; (ii) b'*multiplier* ta' 25 sena; (iii) bla ebda tnaqqis minħabba ħlas f'daqqa tas-somma likwidata; u (iv) bl-imgħax jibda mill-ewwel sentenza.

47. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li skont l-**Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili**, il-ħsara li persuna negliġenti trid twieġeb għaliha tikkonsisti: (i) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-għemil dannuż; (ii) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha; (iii) fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali; u (iii) fit-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità dejjiema kawżata minn dak l-għemil (ara ***Leserlie Caruana v. Brian Cauchi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2008). Dawn l-irjus ta' danni differenti ġeneralment huma magħrufa fil-ġurisprudenza bħala *damnum emergens* (ħsara diretta) u *lucrum cessans* (telf ta' qligħ).

48. Kif imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Raymond Sammut v. Anthony Micallef*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Mejju, 2015, *damnum emergens* huwa dak li l-vittma ħareġ, qiegħed joħroġ, jew għad ikollu joħroġ mill-patrimonju tiegħu biex jagħmel tajjeb għall-ħsara, waqt li *lucrum cessans* huwa l-qligħ jew dħul li, fl-imgħoddi, issa jew 'il quddiem, intilef jew sejjer jintilef u għalhekk ma jidħolx fil-patrimonju tal-vittma minħabba fl-inċident.

49. Ifisser għalhekk li fil-kategorija tal-*lucrum cessans*, id-danneġġjant mhux biss għandu l-jedd li jitlob li jiġi kkumpensat għat-telf ta' salarju, meta dan ma setax jidħol għax-xogħol minħabba l-inċident jew għat-tnaqqis fis-salarju li ġarrab minħabba l-inċident (ara ***Marco Joseph Bugeja v. George Fava et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Lulju, 2022); iżda d-danneġġjant jista' jfittex ukoll għall-kumpens minħabba telf ta' opportunitajiet futuri minħabba d-diżabbiltà permanenti li tkun inħolqot bl-inċident (ara ***Joseph Farrugia v. John Degiorgio et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022).

50. Il-fatt li persuna tibqa' impjegata wara l-inċident u saħansitra tibda tirċievi salarju akbar ma jtellifhiex mill-jedd li xorta titlob għat-telf ta' qligħ minħabba d-diżabbiltà permanenti li tkun ġarrbet. Il-ġurisprudenza tagħna xxaqleb lejn il-fehma illi d-diżabbiltà permanenti timplika nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol alternattiv u dan in-nuqqas ta' għażla huwa

ta' żvantaġġ u wisq probabbli joħloq nuqqas ta' opportunitajiet ta' qligħ aħjar f'xogħol addattat għal min m'għandux dik id-diżabbiltà (ara ***Conrad Montebello v. Neil Cilia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022 u ***Veronica Muscat v. Eric Sciberras Balbi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju, 2022). Tassew id-diżabbiltà permanenti timplika nuqqas fil-persuna, fil-potenzjal tagħha għax-xogħol, mhux biss mal-prinċipal tax-xogħol preżenti tagħha, iżda wkoll f'impjieg ma' terzi u kif ukoll anke biex taħdem għal rasha (ara ***George Gatt v. Francis E. Carbone nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju, 1998).

51. Issa dwar id-danni fuq opportunitajiet mitlufa b'riżultat tad-diżabbiltà permanenti, il-liġi fl-**Artikolu 1045(2) tal-Kodiċi Ċivili** tħalli f'idejn il-Qorti li tiddeċiedi kemm għandha tkun is-somma li għandha tiġi mħallsa u dan wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ u b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapaċità kkaġunata.

52. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Francis Zahra v. Carmel sive Charles Pace*** deċiża fit-3 ta' Marzu, 2006, din id-dispożizzjoni tal-liġi però ġiet supplimentata bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża klassika, fl-ismijiet ***Michael Butler v. Peter Christopher Heard*** deċiża finalment mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Diċembru, 1967. B'din is-sentenza ġiet mdaħħla formula kif għandu jinħadem il-kumpens f'każ ta' danni minħabba inkapaċità permanenti. Għalkemm din il-formola tal-*multiplier*, kif aġġornata mal-mogħdija tas-snin, baqgħet tintuża mill-Qrati tagħna

f'ħafna sentenzi li ġew wara, madankollu ġie miżmum li l-qrati ma kellhomx iħossuhom marbuta li bilfors iridu jimxu ma' din il-formula.

53. L-Imħallef għalhekk dejjem għandu diskrezzjoni li jiddeċiedi liema sistema juża' u dan għaliex hu jkun sema' l-provi u jkun jaf iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u għalhekk ikun fl-aħjar pożizzjoni biex kemm jista' jkun iqiegħed lil dak li jkun ġarrab il-ħsara, fl-istat li kien fih qabel l-inċident. Bħalma ġie spjegat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet ***Darren Sammut v. Eric Zammit*** deċiża fit-3 ta' Diċembru, 2004,

> *"il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju huwa wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza '**Butler v. Heard**' – b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh l-aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala 'lucrum cessans' jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li jkun ikkawża d-dannu."*

54. Illi wara li din il-Qorti għarblet sew is-sentenza appellata, tħoss li l-mod ta' kif l-Ewwel Qorti llikwidat it-telf ta' qligħ futur ma kienx wieħed xieraq.

55. L-Ewwel Qorti kellha tagħmel differenza bejn it-telf ta' qligħ magħmul minn telf fis-salarju attwali u telf ta' qligħ minħabba opportunitajiet mitlufa b'riżultat tad-diżabbiltà permanenti. Dwar it-telf ta' qligħ marbut mas-salarju attwali, l-Ewwel Qorti għamlet ħażin li ħaddnet il-formula tal-*multiplier* għaliex din il-formula, jekk xejn, tapplika għad-

danni marbuta mal-opportunitajiet mitlufa minħabba d-diżabbiltà fiżika.

56. Mill-banda l-oħra, fuq it-tieni tip ta' telf ta' qligħ dwar l-opportunitajiet mitlufa, kif ingħad fit-tieni aggravju, l-Ewwel Qorti kellha tqis il-fehmiet tal-esperti mediċi. B'żieda ma' dan, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, din il-Qorti temmen bi sħiħ, li ma kienx hemm raġuni tajba għalfejn id-danni dwar id-diżabbiltà permanenti ma kellhomx jinħadmu fuq il-bażi tal-*multiplier* kif stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna, wara li jittieħed kont tal-grad ta' diżabbiltà permanenti ċertifikata mill-esperti ġudizzjarji.

57. Billi għalhekk din il-Qorti sejra titbiegħed għal kollox mill-mod kif l-Ewwel Qorti llikwidat il-*lucrum cessans*, din il-Qorti ħa jkollha tagħmel dan l-eżerċizzju hi.

58. Sa fejn jolqot it-telf ta' paga jew qligħ attwali, jirriżulta li b'ittra tal-1 ta' Lulju, 2011 (jiġifieri qabel seħħ l-inċident), l-attur appellat kien ġie offrut mill-Malta Information Technology Agency (MITA) il-pożizzjoni ta' *Solutions Architect* b'salarju ta' €27,000 (ara paġna 119 tal-atti tal-kawża). Għalkemm din l-ittra tagħmel riferenza għall-kuntratt, dan il-kuntratt ma ġiex imressaq fl-atti tal-kawża. Għalhekk il-Qorti m'għandhiex tagħrif dwar il-kundizzjonijiet u t-termini tal-kuntratt, partikolarment fejn għandu x'jaqsam maż-żmien tal-kuntratt u mar-remunerazzjoni. Hemm fl-atti tal-kawża però l-FS3 tas-sena 2011, li turi li f'dik is-sena huwa kellu

salarju gross ta' €26,824.22 (ara paġna 28 tal-atti tal-kawża).

59. Illi skont ir-rapport tal-Pulizija, l-inċident seħħ fis-16 ta' Frar, 2012 (ara paġna 33 tal-atti tal-kawża).

60. L-attur appellat xehed li huwa daħal lura għax-xogħol f'Jannar tas-sena 2015 (ara paġna 134 tal-atti tal-kawża), wara li minn mal-MITA huwa ġie trasferit mal-*Foundation For Information Technology Accessibility* (FITA). Skont l-FS3 għas-sena 2015, l-attur appellat irċieva salarju gross ta' €6985.17.

61. Din il-Qorti tqis li peress li l-attur appellat naqas milli jippreżenta l-FS3s tiegħu dwar is-snin 2013 u 2014, hija mhijiex f'qagħda li tkun taf jekk l-attur appellat tħallasx is-salarju jew le. Billi l-prova li huwa ma tħallasx salarju f'dawk is-snin kienet taqa' fuq l-attur u din il-prova ma ġabhiex, l-attur ma jistax jitħallas għat-telf ta' salarju għas-snin 2013 u 2014.

62. Dwar is-sena 2015, jirriżulta li l-attur kellu dħul gross ta' €6985.17, li huwa inqas kemm mis-€27,000 imsemmija fl-ittra tal-1 ta' Lulju, 2011, kif ukoll inqas mid-dħul gross ta' €26,824.22 li jidher fuq l-FS3 tas-sena 2011. Għad li kien ikun ħafna aħjar, li kieku l-attur appellat ressaq kopja tal-kuntratt li kienu offrewlu l-MITA fl-2011, biex b'hekk tkun tista' tara t-tul tal-kuntratt u l-pakkett remuneratorju marbut miegħu, din il-Qorti sejra

taċċetta li, fuq bilanċ ta' probabbilità, li kieku ma kienx għall-inċident tal-2012, l-attur appellat kien x'aktarx jirċievi €26,824.22 fis-sena u mhux €6985.17. Għalhekk din il-Qorti qiegħda tqis li minħabba l-ħabta tal-2012, l-attur fis-sena 2015 tilef mis-salarju tiegħu d-dħul gross ta' **<u>€19,839.05</u>** (€26,824,22 - €6985.17), li l-konvenut appellant għandu jagħmel tajjeb għalih.

63. Dwar it-telf ta' salarju mis-sena 2016 'il quddiem, l-attur appellat ma ressaq l-ebda prova magħmula b'FS3s, b'kuntratti jew b'dokumenti oħra. Għalhekk fin-nuqqas ta' provi, din il-Qorti ma tistax tillikwida danni oħra dwar telf ta' salarju.

64. Ngħaddu issa biex inqisu d-danni relatati mal-opportunitajiet mitlufa minħabba d-diżabbiltà permanenti mġarrba mill-attur.

65. Iż-żewġ esperti ġudizzjarji maħtura minn din il-Qorti stmaw diżabbiltà permanenti fl-attur, fi grad ta' 30% (ara paġna 96 tal-atti tal-kawża). Din il-Qorti m'għandhiex quddiemha raġuni tajba għaliex m'għandhiex toqgħod fuqhom. Wara kollox, dan il-grad huwa qrib ħafna mal-grad ta' 28% li ġie ċċertifikat minn Dr. J. Pace mqabbad mill-kumpanija assiguratriċi tal-konvenut appellant.

66. Hemm mnejn li dan il-grad ta' diżabbilità permanenti seta' kien aktar għoli, li kieku l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-attur appellat biex

jinħatar espert fil-qasam psikjatriku. Madankollu dawn it-talbiet ġew miċħuda bi tliet digrieti tal-Ewwel Qorti (ara paġni 108, 161 u 172) u ladarba, tajjeb jew ħażin, il-konvenut aċċetta dawn id-digrieti, peress li ma appellax minnhom, din il-Qorti ta' reviżjoni hija marbuta b'dawn id-digrieti.

67. Barra minn hekk, din il-Qorti fliet aktar minn darba waħda ċ-ċertifikati ta' Dr Charles Cassar f'paġni 8 u 179 tal-atti tal-kawża u ċ-ċertifikat ta' Dr Martin Skodacek f'paġna 9 tal-atti tal-kawża, u minnhom hija ma setgħet tislet l-ebda forma ta' diżabbiltà permanenti. Hekk ukoll, wara li qrat għadd ta' drabi, ix-xhieda ta' Dr Charles Cassar (ara paġni 180 sa 185 tal-atti tal-kawża), din il-Qorti jidhrilha li għalkemm huwa saħaq ħafna li l-attur appellat bata ħafna mentalment minħabba l-inċident, madankollu huwa ma semmiex grad ta' diżabbiltà permanenti. U ladarba dan it-tabib, li invista lill-attur appellat, ma wasalx għal grad ta' diżabbiltà permanenti, żgur, li lanqas din il-Qorti ma tista' tasal għaliha.

68. Jiġi b'hekk, li din il-Qorti ħa toqgħod fuq grad ta' diżabbiltà permanenti ta' tletin fil-mija (30%), hekk kif iċċertifikaw l-esperti ġudizzjarji.

69. Imiss issa li din il-Qorti tqis iż-żmien li fuqu sejra taħdem it-telf ta' qligħ minħabba l-inkapaċità permanenti ta' tletin fil-mija mġarrba mill-attur appellat.

70. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni (ara ***Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Novembru, 1983 u ***Joseph Bonanno v. Malta Freeport Terminals Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020).

71. Minbarra dan, għalkemm fil-passat ingħataw bosta sentenzi fejn ġie mtenni li l-*multiplier* ma kellux jaqbeż l-għoxrin sena, din is-sitwazzjoni nbiddlet wara s-sentenza ***Mary Bugeja noe et v. George Aġius noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Lulju, 1991, fuq ir-raġuni li l-Qorti għandha tfittex, qabel kull ħaġa oħra, li tqiegħed kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab il-ħsara, fl-istat li kien qabel l-inċident, b'dana għalhekk li l-*multiplier* irid ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Yordan Shterev v. Vassallo Builders Group Limited*** deċiża fis-16 ta' Diċembru, 2019, għalkemm fil-kejl tal-*multiplier* għandu jittieħed qies tal-età tad-danneġġjat fil-mument li seħħ l-inċident, normalment f'każijiet bħal dawn, m'għandux isir sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-persuna fil-mument tal-inċident, għaliex il-*multiplier* irid jinkorpora ġo fih dak l-element ta' «*chances and changes of life or vicissitudes of life*».

72. Il-kunċett ta' «*chances and changes of life*», ġie mdaħħal biex sewwasew jiġġustifika tnaqqis fil-komputazzjoni tad-danni minħabba li ħadd ma jaf il-futur, u għalkemm persuna tista' tgħix sa età avvanzata, il-ħajja tgħallimna mod iehor. Kien għalhekk li l-*working life expectancy* ħafna drabi ma tiġix meqjusa kollha fil-kalkolu tal-*multiplier* (ara ***Francis Gauci v. Jimmy Bugeja*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru, 2009).

73. Hekk kif ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Charles Azzopardi v. P.S. 201 Sandro Magro et*** deċiża fl-24 ta' Ġunju, 2016, mhux il-każ li wieħed iħaddem il-kriterju tal-*multiplier* bħallikieku hemm xi ċertezza dwar għexieren ta' snin futuri, għax dan huwa qasam fejn għandha treġi l-moderazzjoni bejn il-jeddijiet tal-parti mġarrba u l-obbligi tal-parti li tkun ħolqot il-ħsara (ara wkoll ***Rosaria Pintley nomine v. Noel Sciortino et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019).

74. Fil-każ tagħna, l-Ewwel Qorti ddeċidiet fis-sentenza appellata li tħaddan *multiplier* ta' ħamsa u għoxrin (25) sena. L-attur appellat fir-risposta tal-appell tiegħu kiteb li huwa jista' joqgħod ma' dan l-ammont ta' *multiplier.* Min-naħa l-oħra, il-konvenut appellant jgħid li l-*multiplier* kellu jkun ta' għoxrin (20) sena.

75. Din il-Qorti wara li ħadet kont tal-prinċipji mnissla mill-ġurisprudenza fuq imsemmija, tosserva li l-attur appellat kellu ħamsa u

tletin (35) sena meta seħħ l-inċident u li qabel dan l-inċident huwa kien ibati minn problemi fit-tirojde (ara x-xhieda ta' Stephen Cassar f'paġna 53 tal-atti tal-kawża) u kellu piż ta' mija u għaxar kilogrammi, li skont l-attur appellat kienu aktar *muscle weight* milli *fat weight* (ara x-xhieda tal-attur f'paġna 135 tal-atti tal-kawża). B'żieda ma' dan, għad li din il-Qorti tagħraf li l-ħajja tax-xogħol qiegħda dejjem tiżdied kulma jgħaddi ż-żmien saħanistra anke wara l-età legali tal-irtirar, madankollu min-naħa l-oħra, meta tqis l-element tal-possibilitajiet u tal-bidliet fil-ħajja, tara li *multiplier* ta' 25, *viz*. sakemm l-attur jagħlaq sittin (60) sena, kif iddeċidiet l-Ewwel Qorti huwa wieħed ġust u xieraq.

76. Dwar id-dħul tal-attur appellat li fuqu għandu jinħadem il-*multiplier*, din il-Qorti minnufih tiddikjara li hija ma taqbilx mal-konvenut appellant, li hija jmissha timxi fuq id-dħul nett tiegħu tas-salarju. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell f'dan ir-rigward hija waħda ċara ħafna, fis-sens li t-telf ta' qligħ għandu jinħadem fuq id-dħul gross tas-salarju (ara fost ħafna oħrajn ***Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022, ***Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2021, ***Kerstin Sant v. Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2021, ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020 u ***George Borg et nomine v. Anthony Borg et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru, 2008).

77. Kif ġie mfisser mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***Carmela Muscat pro et noe v. Francis Schembri et*** deċiża fis-27 ta' Jannar, 1972), xogħol il-Qorti huwa li tillikwida d-danni għat-telf ta' qligħ futur u:

> *"mhux tagħmilha ta' speċi ta' tax collector, bir-riżultat li tiffavorixxi d-debitur tad-danni u taggrava lid-danneġġata, inkwantu l-ewwel wieħed jiġi jħallas inqas milli għandu proprjament jiġi likwidat u t-tieni wieħed, għall-bżonn, ikun irid jerġa' jaraha mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, bil-possibilità li jkun ġie qiesu ħallas it-taxxa darbtejn, darba lid-debitur u darba oħra, fuq is-somma ġia minorata, lill-Gvern. Fi kwalunkwe każ l-income tax għandha titħallas lill-Gvern u mhux lid-debituri ta' obbligazzjonijiet ċivili u l-kalkolu tagħha jista' jiddependi fuq diversi ċirkostanzi, fir-rapport intern bejn il-Gvern u d-danneġġat, li l-Qorti ma tkunx taf xejn fuqhom u għalhekk il-Qorti lanqas ma għandha biss tesprimi opinjoni, fuq ħaġa li mhix ta' kompetenza tagħha."*

78. Hekk ukoll din il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut appellant meta jgħid li fil-kalkolu tat-telf ta' qligħ futur m'għandux jitqies l-għoli tal-ħajja. Huwa magħruf li minn żmien għal żmien il-pagi jogħlew u dan bħala riżultat tal-inflazzjoni (ara ***Leserlie Caruana v. Brian Cauchi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2008). Kemm hu hekk, insibu lista sħiħa ta' sentenzi fejn il-Qorti tal-Appell ħadet qies tal-għoli tal-ħajja fil-komputazzjoni ta' telf ta' qligħ futur (ara bħala eżempju ***Noel Falzon v. Dexter Bianco*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju, 2020, ***Susanne Sammut pro et noe v. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020, ***Emanuel Bartolo et v. Karl Vella Petroni*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar, 2012 u ***Joseph Galea et vs. Charles Fenech pro et noe et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Marzu, 2004).

79. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, din il-Qorti temmen li fuq *multiplier,* b'firxa ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, huwa mistenni li l-paga tal-attur appellat kienet ħa tiżdied aktar minn €26,824.22, li huwa kellu skont l-FS3 tas-sena 2011. Kienet siewja għalhekk l-Ewwel Qorti meta għamlet aġġustament ta' 20% biex għolliet id-dħul gross tiegħu għal €32,188 fis-sena.

80. Li għamlet ħażin l-Ewwel Qorti però, huwa li wara li hija kattret is-somma ta' €32,188 għal ħamsa u għoxrin darba (li jiġu €804,700), hija naqset milli tqis li l-attur appellat instab li kellu inkapaċità permanenti fi grad ta' 30%. Is-somma għalhekk li kellha tiġi likwidata favur l-attur appellat għat-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità permanenti kellha tkun ta' €241,410 (€804,700 x 30%).

81. Flimkien ma' dawn il-€241,410 bħala danni għat-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità permanenti, għandhom jiżdiedu d-€19,839.05, li din il-Qorti aktar kmieni illikwidat bħala telf mid-dħul gross tas-salarju fis-sena 2015. B'kollox għalhekk is-somma titla' għal €261,249.05.

82. Il-konvenut appellant iżda jgħid fl-appell tiegħu, li kull somma likwidata favur l-attur appellat għandha tkun soġġetta għar-regola tal-*lump sum reduction* fl-ammont ta' 20%. Dan it-tnaqqis isir għaliex l-attur ikun qiegħed jieħu bil-quddiem il-qligħ li, li kieku ma kienx għall-inċident, kien jieħdu fil-ġejjieni (ara ***Raymond Sammut v. Anthony Micallef***

deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Mejju, 2015).

83. Din il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li s-soltu jkun hemm tnaqqis mis-somma likwidata minħabba l-fatt li jkun ser isir ħlas f'daqqa, madankollu huwa miżmum ukoll fil-ġurisprudenza, li l-perċentwal ta' għoxrin fil-mija jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena li l-kawża iddum biex tiġi deċiża (ara ***Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022, ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020, ***Camille Borg Canalis v. Joseph Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2008 u ***Emanuel Galea v. Pierre Scicluna*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' April, 2007).

84. Għalkemm il-ġurisprudenza mhux dejjem kienet taqbel f'dan ir-rigward, jidher li l-parti l-kbira tas-sentenzi jmilu lejn il-pożizzjoni li t-tnaqqis minħabba l-*lump sum payment* għandu jibda jiġi maħdum minn meta tiġi mressqa l-kawża u mhux minn meta jiġri l-inċident (ara ***Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2022, ***Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021, ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020, ***Anna Sammut et v. Sammy Meilaq nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005 u ***Annunzjata Caruana v. Odette Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-

27 ta' Frar, 2004).

85. Jekk il-kawża ddum aktar minn għaxar snin biex tinqata', ġeneralment l-ebda tnaqqis ma jsir mis-somma likwidata (ara ***Richard Attard et v. Road Construction Co. Ltd et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021, ***Ian Dimech v. Mediterranean Trading Shipping Company Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021, ***L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino nomine v. Angelo Xuereb nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Frar, 2009 u ***Lawrence Caruana v. Anthony Falzon*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001).

86. Meta l-Qorti tqis li din is-sentenza finali qiegħda tingħata disa' snin wara li nbdew dawn il-proċeduri, din il-Qorti tara li għandu jkun hemm tnaqqis biss ta' 2% mis-somma likwidata. B'hekk, is-somma likwidata ta' €261,249.05 għandha tinżel għal **€256,024.07**.

87. Fl-aħħar nett fuq il-mixi tal-imgħax, din il-Qorti jidhrilha li dan għandu jitlaq mid-data tas-sentenza appellata. Għad li l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti tnaqqas b'mod qawwi minħabba li t-telf ta' qligħ futur, b'konsegewenza tal-inkapaċità permanenti, ġie maħdum bir-rata ta' 30%, madankollu meta ngħatat is-sentenza appellata l-konvenut appellant kellu ħjiel tajjeb ħafna taċ-ċifri li seta' jiġi kkundannat bihom f'każ ta' appell. Kemm hu hekk, ir-rikors tal-appell tiegħu stess jixhed li huwa kellu

dehen tajjeb ħafna tal-ġurisprudenza rilevanti fil-materja tal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* u saħansitra fl-aggravju tiegħu huwa jsemmi l-ammont ta' €100,800 bħala l-ammont xieraq ta' danni li huwa mistħoqq għat-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità permanenti. B'danakollu l-ebda ammont ma ġie offrut lill-attur appellat jew iddepożitat taħt l-awtorità tal-Qorti biex jinħeles mill-imgħax.

88. Bix-xieraq għalhekk li l-imgħax fuq is-somma ta' €256,024.07 jibdew jitqiesu mhux mid-data ta' din is-sentenza, kif irid il-konvenut appellant, iżda, b'effett mid-data tal-ewwel sentenza (i.e. mis-17 ta' Ottubru, 2018) sakemm jitwettaq il-ħlas kollu (ara f'dan is-sens ***Conrad Montebello v. Neil Cilia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022, ***Alison Pace v. Christopher Agius et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020, ***Nathaniel Spiteri et v. Emmanuel Mifsud*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2019 u ***Anthony Turner et v. Francis Agius et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru, 2003).

89. Din il-Qorti għalhekk qiegħda tiddisponi b'dan it-tielet aggravju billi tiddikjara li l-ammont dovut lill-attur appellat għat-telf ta' qligħ b'riżultat tal-ħabta għandu jkun ta' €256,024.07 u mhux ta' €635,713 kif imsemmi fis-sentenza appellata. L-imgħax fuq is-somma ta' €256,024.07 għandu jitlaq mid-data tas-sentenza appellata.

90. Jifdal biss li jiġi mistħarreġ ir-**<u>raba' aggravju</u>** dwar l-ammont ta'

€30,000, li l-Ewwel Qorti ffissat *arbitrio boni viri* biex ikopru għal spejjeż futuri minħabba kura u *nursing services*. Il-konvenut appellant jargumenta li dawn it-tip ta' danni ma jistgħux jingħataw skont l-**Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili** u li f'kull każ dawn ma ġewx ippruvati kif imiss.

91. L-attur appellat imerih fir-risposta tal-appell tiegħu u jgħid li dawn it-tip ta' danni jistgħu jingħataw skont l-**Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili** għaliex jaqgħu fil-kategorija ta' spejjeż li parti jista' jkollha tagħmel minħabba l-ħsara mġarrba.

92. Din il-Qorti bla tlaqliq tgħid li spejjeż futuri għall-kura u mediċina jaqgħu tabilħaqq taħt ir-ras tad-danni emerġenti skont l-**Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili**. Kif ingħad aktar qabel f'din is-sentenza, fil-komputazzjoni tad-*damnum emergens* jidħlu mhux biss l-ispejjeż li l-vittma tkun ħarġet mill-patrimonju tagħha sabiex jagħmlu tajjeb għall-ħsara mġarrba, iżda jidħlu wkoll l-ispejjeż li l-vittma ħa jkollha toħroġ fil-ġejjieni bħala riżultat tal-ħsara mġarrba. Barra minn hekk, l-ispejjeż futuri jinkludu mhux biss l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mat-terapiji u mal-mediċini futuri (ara ***Kevin Abela v. Giuseppe Farrugia*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *per* Imħallef Joseph R. Micallef fit-28 ta' Marzu, 2019), iżda jinkludu wkoll l-ispejjeż ta' kura minħabba li l-persuna danneġġjata tispiċċa dipendenti fuq ħaddieħor. Hekk pereżempju fis-sentenza ***John Peter Stanton v. Schembri & Sons Ltd*** deċiża fis-27 ta' Jannar, 2021, il-Qorti tal-Appell illikwidat danni fl-ammont ta' €100,000

minħabba li l-attur kien ser ikollu bżonn iħaddem lil xi ħadd biex jieħu ħsiebu fil-bżonnijiet ta' kuljum.

93. L-ewwel parti tal-aggravju tal-konvenut appellant, sa fejn jgħid li bil-liġi tagħna d-danneġġjant ma jistax jitlob li jiġi mħallas għal spejjeż futuri, qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

94. Fuq l-ammont tad-danni, din il-Qorti taqbel li jaqa' fuq l-attur li juri li minħabba l-inċident huwa ħa jkollu jonfoq spejjeż fuq mediċini, kura u terapija. Madankollu kif tajjeb qalet il-Prim'Awla tal-Qorti *per* Imħallef Giannino Caruana Demajo, fis-sentenza ***Alexander Caruana v. Daniel Bonniċi*** deċiża fil-15 ta' Marzu, 2011, il-kalkolu tad-*damnum emergens* huwa diffiċli li jsir, meta min ikun bata l-ħsara jkun qiegħed jirċievi fil-preżent l-għajnuna ta' kuljum mingħand il-ġenituri tiegħu bla ħlas u 'l quddiem, meta l-ġenituri jikbru u jkollhom bżonn l-għajnuna huma, il-persuna danneġġjata jkollha tħallas minn butha lil min jieħu ħsiebha. F'qagħda bħal din huwa leġittimu li l-Qorti tillikwida ħlas *arbitrio boni viri*.

95. Sewwasew fil-każ tal-lum, jirriżulta mix-xhieda mhux kontradetta ta' Joseph Grech (missier l-attur appellat), li ibnu mhux kapaċi jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u dan minħabba d-dipressjoni li waqa' fiha u l-piż kbir illi tella'. Bħalissa huma l-ġenituri tiegħu li qegħdin jieħdu ħsiebu, iżda meta wieħed iqis li dawn illum jgħoddu aktar minn sebgħin sena, huwa mistenni li fil-futur qarib dawn mhux ħa jkunu jistgħu jibqgħu jifilħu aktar għalih.

96. F’dan is-sens għalhekk l-ammont ta’ €30,000 li ġie likwidat mill-Ewwel Qorti biex jagħmel tajjeb għall-kura futura tal-attur appellat huwa wieħed xieraq u adegwat fiċ-ċirkostanzi.

97. L-aħħar aggravju tal-konvenut appellant għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

98. Illi meta wieħed jgħodd flimkien il-*lucrum cessans* (i.e. €256,024.07) u d-*damnum emergens* (i.e. €30,000), jiġi li l-attur appellat għandu jiġbor b’kollox mingħand il-konvenut appellanti s-somma totali ta’ €286,024.07, b’imgħax mid-data tas-sentenza appellata.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa’ parti biss mill-appell imressaq minn Lawrence Agius, b’dana li qiegħda tirriforma s-sentenza appellata, fis-sens biss, li l-ammont li huwa għandu jħallas lil Trevor Grech bħala danni minħabba l-inċident li seħħ f’Raħal Ġdid fis-16 ta’ Frar, 2012, għandu jkun ta’ mitejn u sitta u tmenin elf, erbgħa u għoxrin ewro u seba’ ċentezmi (€286,024.07) u mhux ta’ sitt mija u ħamsa u sittin elf, seba’ mija u tlettax-il ewro u erbgħin ċentezmi (€665,713.40), bl-imgħax jibda għaddej mid-data tas-sentenza appellata fis-17 ta’ Ottubru, 2018.

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet għaliex għad li dan l-appell sewa sabiex tnaqqas sew l-ammont likwidat fis-sentenza appellata, madankollu xorta waħda jibqa' l-fatt li l-konvenut appellant ħareġ tellief f'din il-kawża.

L-ispejjeż ta' quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu hekk kif deċiżi fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr